MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 342/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**
**Vs**

**Italo Grech**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar id-19 t'Ottubru, 2006 ghall-habta tal-4.00 p.m. u nhar it-23 t'Ottubru, 2006 ghall-habta tan-12.30 p.m., naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. L. Quintano LL.D), b'digriet ta' nhar l-1 ta' Settembru, 2006 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija w diversi kundizzjonijiet fosthom li jkun irrinkazat id-dar tieghu hlief biss biex**

**johrog bejn it-8.00 a.m. u d-9.30 a.m. ghall-kura medika u dan ai terminu tal-artikolu 579 (2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 t'Ottubru, 2006, li biha, wara li rat l-artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu w ikkundannatu ghall-perjodu ta' prigunerija ta' xahar.
Inoltre ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, irrevokat il-helsien mill-arrest tal-appellant u ghalhekk ordnat li l-appellant jinzamm taht arrest preventiv mill-gdid.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Novembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontrih, tvarja l-istess billi tipprovdi piena alternattiva w tvarja l-istess ukoll fejn l-Ewwel Qorti revokat il-helsien mill-arrest tal-appellant.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' : 1.li ghalkemm dan il-punt ma johrogx car mill-ligi, jidher li l-appellant kien imssu tressaq quddiem dik il-Qorti li quddiemha kien ghaddej proceduri kriminali, li, wara kollox, kienet hi li kkoncedietlu l-helsien mill-arrest u allura ma jaghmilx sens li tkun Qorti ohra li tirrevokalu l-liberta' u hemm ghalhekk cirkostanzi inattendibbli ghax fejn fil-procedura propja tal-kaz l-appellant igawdi mill-liberta' provizorja, fi proceduri quddiem Qorti ohra diversament preseduta, naraw li l-liberta' provvizorja giet revokata. 2. li r-revoka tal-helsien mill-arrest tieghu fic-cirkostanzi kienet mizura estrema w mhux f' waqtha. Skond l-artikolu 579 tal-kap.9 hu diskrezzjonali ghall-Qorti tirrevokax jew le l-helsien mill-arrest wara sejbien ta' htija. F' dan il-kaz, essendo li l-ksur tal-kondizzjoni kienet wahda li ma teffettwax il-proceduri gudizzjarji, ghandha titqies ta' portata**

**zghira w ghalhekk anki l-piena inflitta ta' xahar prigunerija kienet wahda eccessiva.**

**Rat il-fedina penali tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni;**

**Rat id-Digriet Taghha tas-7 ta' Dicembru, 2006, li bih l-appell kien gie dikjarat dezert peress li l-appellant (u lanqas id-difensuri tieghu) ma dehru minkejja li l-kawza ssejjhet ripetutament.**

**Rat ir-rikors tal-appellant tal-11 ta' Dicembru, 2006, fejn talab li l-appell jerga' jigi appuntat ghas-smiegh.**

**Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Dicembru, 2006, fejn, wara li semghet lit-tabib Dr.Joseph Galea, laqghet it-talba w rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghal-lum, stante li l-appellant kien allura jinsab detenut, bhala konsegwenza li l-appell tieghu kien gie dikjarat desert.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illil-ewwel aggravju tal-appellant li kien imissu tressaq b' din l-akkuza quddiem l-istess Qorti li quddiemha kien ghaddej proceduri kriminali fuq akkuzi ohra w li kienet il-Qorti li akkordatlu l-liberta' provvizorja, kif jaccetta l-istess appellant, mhux bazat fuq il-ligi per se imma pjuttost fuq l-argumenti ohra fuq riprodotti.**

**Illi kif osservat saggjament l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-emenda recenti ghall-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, bir ri-enumerazzjoni tal-artikolu bhala subinciz (1) u bl-introduzzjoni tas-sub-incizi godda (2)(3) u (4) u li dahlet in vigore fit-3 t'Ottubru, 2006, holqot ir-reat gdid ta' min jonqos milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-Digriet li bih taghti l-helsien mill-arrest. Bhala reat indipendenti, dan hu prosegwibbli mill-Prosekuzzjoni bl-istess mod kif jigu prosegwiti reati ohra, w cioe' billi l-akkuzat jitressaq bl-arrest quddiem il-Qorti**

**preseduta mill-Magistrat tal-ghassa, mbaghad wara jigi assenjat lil xi Qorti skond is-sistema ta' assenjament prevalenti minn zmien ghall-zmien, b'dana li l-proceduri jinstemghu bl-urgenza. Kieku l-ligi riedet li akkuzi ta' reati bhal dak kontemplat fl-art. 579 (2) ikunu prosegwibbli biss quddiem il-Qorti li tkun akkordat il-liberta' provizorja, dan il-ligi kienet tghidu car u tond. Imma kif jaccetta l-appellant, dan il-ligi ma tghidux. In omagg tal-principju *"ubi lex voluit dixit",* din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi hi l-volonta' tal-legizlatur f' dar-rigward.**

Ghar-rigward tal-lanjanza tal-appellant li jkun ahjar li akkuza bhal din tigi gudikata mill-Qorti li tkun akkordat il-helsien mill-arrest, din il-Qorti thoss li ghandha tosserva li bil-kuntrarju ta' dak li qed jghid l-appellant, jekk hu jigi processat minn Qorti li tkun preseduta diversament min dik li taghha jkun inkisru l-kundizzjonijiet minnha mposti ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest, dan jista' addirittura jkun a vantagg tieghu. Dan ghaliex il-Qorti diversament preseduta tista' tkun addirittura aktar oggettiva w distakkata fl-analisi tal-fatti li jkunu jikkostitwixxu r-reat ghax l-affront ghall-ordni tal-Qorti bil-ksur allegat tal-kondizzjonijiet ma jkunx sar fil-konfront taghha kif preseduta u dan ghandu anzi jiggarantixxi gudizzju aktar seren u imparzjali .

**Illi l-anomalija percepita f' mohh l-appellant li fi process ikun jidher li l-appellant igawdi mill-liberta' provvizorja, mentri fi process iehor din tkun giet lilu revokata, hija aktar apparenti milli reali w tista' tigi facilment ovvjata billi kopja tas-sentenza tal-Qorti li tkun sabet htija skond l-artikolu 579 (2) u rrevokat il-helsien mill-arrest skond is-subinciz (3), tigi komunikata lill-Qorti li tkun qed tisma l-kawza principali, tramite r-registratur tal-Qrati biex tigi nserita f' dik il-kawza.**

**Illi r-referenza li saret mill-abbli difensur ghad-digriet jew provvediment li suppost inghata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kaz** "Il-Pulizija vs. Francis Grech" **fis-sens li hu**

**impossibbli ghall-Qorti li tirrevoka digriet tal-liberta' provizorja ghax ma jkollhiex access ghall-atti kollha tal-process li fih tkun giet koncessa l-liberta' provizorja, ma jidhirx li hi wahda valida. Ibda biex, meta ezaminat dan il-process, il-Qorti kull ma sabet kienet sottomissjoni ta' Dr. Herrera f'dan is-sens u ma nstab ebda digriet f'dan is-sens. Inoltre is-sentenza f'din il-kawza li nghatat fit-3 ta' Novembru, 2006 u li biha l-imputat kien gie liberat minn akkuza simili ghal dik f'dil-kawza, hija priva ghal kollox mill-icken motivazzjoni. Inoltre tali sitwazzjoni tista' tigi facilment ovvjata jew billi l-prosekuzzjoni fi procediment taht l-artikolu 579 (2)(3) tesebixxi kopji veri tad-digriet u kondizzjonijiet li bihom tkun inghatat il-liberta' provizorja, kif gara f'dan il-kaz, jew addirittura billi il-Qorti tordna l-alligazzjoni, anki temporanja, tal-atti tal-process l-iehor biex ikollha l-atti kollha ghad-dispozizzjoni taghha.**

Illi umbaghad f'dan il-kaz saret it-talba ghar-revoka tal-liberta' provizorja flimkien mal-akkuza bl-istess mod li l-prosekuzzjoni tista', f'kazijiet ta' ksur tal-ligijiet tat-traffiku, per ezempju, titlob li l-hati jigi skwalifikat mill-licenzji tieghu tas-sewqan, u l-pronunzjament tal-Qorti, meta ssib htija, jista' jinkorpora tali sanzjoni flimkien mal-piena kontemplata ghar-reat. Dan isir ukoll fil-kaz ta' konfiski u f'kaz ta' reati kontra l-Kap. 31 u l-Kap. 101 u ghalhekk ma hemm xejn gdid u straordinarju filli l-Qorti, oltre l-piena kontemplata fis-subinciz (2) tal-Artikolu 579, taghti l-provvediment taht is-subinciz (3) fl-istess sentenza, bhala konsegwenza tal-istess sejbien ta' htija, kif sar f'dan il-kaz.

**Anzi l-ligi fis-subinciz (3) propju tiddisponi li ghandu jsir dan fl-<u>istess procediment,</u> kif effettivament sar f'dan il-kaz.**

**Ghalhekk dan l-ewwel agravju qed jigi respint bhala nfondat.**

**Illi ghar-rigward tat-tieni aggravju dwar il-piena applikata mill-Ewwel Qorti, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-**

**Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.). F' dan il-kaz il-piena hija entro l-parametri tal-ligi li jipprovdi ghall-piena karcerarja massima ta' sitt xhur prigunerija, flimkien ma multa w din il-Qorti ma tarax li hija wahda esagerata, specjalment konsidrata l-fedina penali refrattarja tal-appellant.**

**Illi din il-Qorti xejn ma taqbel mall-appellant li l-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ghoti tal-liberta' provizorja kien wiehed zghir jew negligibbli. L-appellant kien qed jiffaccja proceduri kriminali fuq akkuza ta' serq. Meta l-Qorti laqghet it-talba tieghu biex jinghata l-helsien mill-arrest, dan ghamlitu billi imponietlu kondizzjoni li ma johrogx mid-dar u jmur biss id-Dertox Centre bejn it-8.30 am u 9.30 am (dak li popolarment hu maghruf bhala *"house arrest"* , li qed jintuza frekwentement mill-Qrati tal-Magistrati minn xi zmien 'l hawn.)**

**Issa biex dan il-*"house arrest"* ikollu xi sinifikat u ma jigix stultifikat, hu imperattiv li l-kondizzjonijiet attinenti ghalih jigu strettament u skrupolozament osservati. Ghalhekk kull nuqqas konsistenti fi hrug mid-dar minn fejn suppost hu qieghed taht arrest, hu nuqqas serju w qatt ma jista' jigi konsidrat bhala ksur ta' "*portata zghira*" kif qed jissottometti l-appellant. Altrimenti kullhadd jibda jirricerka kull pretest possibbli w immaginabbli biex jara kif jehles mill-*"house arrest"* billi johrog u jidhol x' hin ikun jidhirlu hu. Din il-Qorti ma tista' qatt tikkondona dan w bhall-Ewwel Qorti tikkonsidrah nuqqas serju bizzejjed biex iwassal ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti w l-ordni biex l-appellant jitlef il-beneficcju tal-helsien mill-arrest fil-kawza fejn qed jiffaccja akkuzi dwar serq, a tenur tal-art. 579 (3) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena ta' xahar prigunerija w fl-ordni biex l-appellant jinzamm taht**

**arrest preventiv mill-gdid. Konsegwentement anki dan l-aggravju qed jigi respint.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata w qed tordna li kopja ufficjali ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja preseduta mill-Magistrat Dottor Lawrence Quintano LL.D. a kura tar-Registratur tal-Qrati biex tigi inserita w notata f' dak il-process u cioe' "**Il-Pulizija **(Spettur Mario Tonna) vs.** Italo Grech."

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------